Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2011

Numru. 723/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**

**KONTRA**

**JOSEPH MALLIA BONELLO ta' 66 sena, iben Paul u il-mejta Josephine nee' Agius, imwieled il-Marsa nhar l-20.06.1945, residenti fil-fond numru 32, Triq Pawlu Galea, San Gwann, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 534645M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **JOSEPH MALLIA BONELLO** li gie akkuzat talli:

1. F'Gunju, 2008 u fis-snin precedenti, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda


Qrati tal-Gustizzja

li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Kevin Mallia, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 264068M, ai termini ta' l-Artikoli 18, 308, 309, u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li ma' l-interrogatorju l-imputat wiegeb li hu ma kienx hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu;

Rat ukoll l-Artikoli mibghuta minghand l-Avukat Generali, taht liema hemm mahsuba li tista' tinstab htija u cioe':
L-Artikoli 18, 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza ticcentra dwar tenttattiv ta' esekuzzjoni ta' Mandat ta' Qbid Ezekuttiv minn zewg Marixxalli, u l-allegazzjoni li tali Mandat ma giex ezegwit in kwantu l-imputat ma wegibx ghall-isem Joseph Mallia kif indikat fil-Mandat, pero nsista li hu kien Joseph Mallia Bonello. Dan nonostante li dan il-Mandat Ezekuttiv huwa msahhah b'kawza mertu ta' kambjali li huwa ffirma bhala Joseph Mallia.

Ghalhekk il-Marixxal Frans Fenech xehed dwar il-Mandat 2369.2003, li dan fil-bidu ma giex esegwit minhabba l-indirizz li wara nbidel, ghalhekk saret zieda. Qabel iz-zieda xehed illi kien mar fl-indirizz indikat fuq il-Mandat u hemm sab lil certu Frans Bonnici. Maz-zieda, cioe' mal-bidla ta' l-indirizz, sab lil certu Joseph Mallia Bonello bl-ID

card indikata. Qal li pero fuq il-Mandat ma kellux in-numru tal-karta ta’ l-identita’. Qal illi dan il-Mandat ta’ Qbid kellu jigi ezegwit fuq van ta’ tip ta’ Dodge RAM 888. Qal illi ma kellu ebda diffikulta’ biex jezegwixxi l-Mandat, semplicement hu (l-akkuzat ghalina) qallu li ma kienx Joe Mallia izda Joseph Mallia Bonello. Qal ukoll illi vverifika jekk il-van kienx fil-vicinanza, pero ma ra xejn. Staqsa wkoll jekk kellux din il-vettura in kwistjoni, dan wiegeb fin-negattiv. Anke nizlu isfel fil-garaxx u hemm ma sabu xejn. Qal illi ghand dan Bonello marru ghall-gharrieda.

Marixxal Michael Micallef minn naha tieghu xehed illi hu fuq dan il-Mandat ma kien jiftakar xejn.

Marixxal Frans Fenech rega’ xehed dwar ir-riferti (tlieta) li kellu fir-rigward ta’ l-esekuzzjoni ta’ dan il-Mandat (vide wkoll kopja ta’ l-istess folio 35 tergo u folio 76). Mill-istess riferti rega’ xehed u kkonferma l-istess Ex Marixxal Camilleri, fil-konfront tar-riferti minnu mahruga.

Kevin Mallia - il-kreditur, xehed illi hu kien biegh lil Joseph Mallia l-van Amerikan Dodge RAM 2500 bin-numru tar-registrazzjoin RAM 488, dan xtrah versu l-prezz ta’ Lm12,000.00 f’kontanti u tpartit ta’ vettura ohra Mazda. Gara li l-cash (flus) kienu mqassma f’kambjali. Xehed illi l-ahhar wahda kellha tithallas fis-7 ta’ Marzu, 1999, pero dan qatt ma sar. Talbu li biex jissetilja kollox kellu jahfirlu l-interessi. Ftehmu, pero xorta ma kellux il-flus ghal kambjala minnhom. Ghamillu wkoll it-transfer ta’ l-istess van bir-Regulation 25, gialadarba kien ghadu ma hallsux kollox. Stante li baqa’ ma thallasx ta’ l-ahhar kamblaja fetahlu kawza. Ghalhekk mirbuha din il-kawza, sar il-Mandat ta’ Qbid fuq il-van imsemmi. Xehed illi dan il-Mandat ma giex esegwit ghax Mallia tah indirizz hazin. Qal illi kien prezenti meta l-akkuzat lill-Marixxal kien qallu li hu kien Joe Mallia Bonello nonostante li fuq il-kambjali kien iffirma Joe Mallia, u nonostante li kellu l-istess numru tal-karta ta’ l-identita’ l-istess bhal dik fuq il-kambjala. Xehed anke li mar l-akkuzat biex jifthilhom il-garage fejn kien il-van u li f’daqqa wahda sparixxa. Qal illi l-akkuzat mieghu kien introduca lilu nnifsu bhala Joe Mallia. Qal illi kien fil-kawza li hu skopra li kien juza kunjom iehor.

In kontro ezami qal illi t-transfer tal-vettura Mazda li kien ha minghand l-imputat sar bla problemi ta' xejn. Ammetta li l-imputat kien hallas il-kambjali l-ohra bla problemi., avolja ffirmati Joe Mallia biss. Qal illi fil-bidu kien ihallas il-kambjali ftit ftit, pero li fl-ahhar naqra hallas bil-bulk.

Ammetta wkoll illi fuq il-kambjali kien hemm l-ID card u t-telephone number korretti ta' l-imputat.

Dwar it-truck li biegh lill-akkuzat, qal illi dan kien xtrah gdid mill-fabbrika Amerikana. Sar jaf li dan ma kellux engine number. Ammetta li hu dawwar il-van fuq Mallia Bonello mall-ewwel qabel il-kawza Civili. Ghalhekk, mistoqsi ghala la kellu l-log book bil-partikolari tajbin ta' l-akkuzat, ghala fetah il-kawza bl-isem u ndirizz hziena, wiegeb illi l-akkuzat kien iffirma Joe Mallia fuq il-kambjala.

Gie ssuggerit lilu li hu fetah il-kawza b'dan il-mod biex l-akkuzat jibqa' kontumaci – wiegeb ghal dan li hu qatt ma kellu l-log book f'idu. Ammetta pero li kellu l-ID card number ta' l-akkuzat tajjeb. Kevin Mallia baqa' jinsisti li kien l-imputat li tah l-indirizz u l-isem hazin. Qal pero li l-kopja tal-log book giet f'idejh wara li nfethet il-kawza.

L-imputat minn naha tieghu rrilaxxa zewg stqarrijiet. Ghazel ukoll illi jixhed viva voce.

Fl-istqarrijiet ammetta li meta mar ghandu l-Marixxal huwa verament kien qallu li ma kienx Joe Mallia izda Joe Mallia Bonello, dan ghaliex hu qatt ma kien ircieva xi notifika biex jidher il-Qorti. Misotqsi ghala fuq il-kambjala kien iffirma Joe  Malllia, wiegeb li gieli kien jiffirma hekk. Qal fit-tieni stqarrija (folio 26) li hu kien iffirma biss Joe Mallia fuq il-kambjala bla ebda ntenzjoni hazina. Tant illi hu kien hallas anke l-kambjali l-ohra li kienu aktarx iffirmati bhala Joe Mallia. Innega li hu lill-Marixxal qallu li ma kienx Mallia, pero ammetta li qallu li kien Mallia Bonello u li qatt ma kien ircieva xejn mill-Qorti. Dawn l-istqarrijiet pero jridu jitqiesu fid-dawl tas-sentenzi tal-Qrati Kostituzzjonali taghna u dawk tal-Qorti Ewropea dwar id-dritt ta' assistenza legali waqt it-tehid ta' l-istess.

Viva voce qal illi hu gieli ffirma Joe, gieli Joe Mallia, u gieli Joe Mallia Bonello. Xehed illi hu sar jaf bil-Qorti, allura bil-kawza, wara l-Mandat. Qal ukoll illi meta mar ihallas l-ahhar Lm1,000.00 lill-parte civile, dan kien baghtu ghand l-Avukat. Qal illi kien wara dan li kien skopra li l-van mixtri ma kellux chassis u engine number, allura l-pulizija ma tawhx pjanci. Kienu tawh il-licenzja wara sentejn. Xehed illi hu sar jaf bil-proceduri tal-Qorti darba li ghandu mar il-Marixxal. Qal ukoll illi hu bil-problema tac-chassis u engine number sar jaf meta mar biex jghaddi l-van mill-VRT u cioe' wara li Mallia baghtu bil-bilanc tal-flus ghand l-Avukat.

Ikkunsidrat:

Illi l-akkuzat huwa mputat b'akkuzi ta' frodi aggravat u dak semplici. Issa r-reat taht l-Artikolu 308 huwa aktar kumpless fl-elementi kostituttivi tieghu – l-ingann mehtieg irid ikun akkumpanjat b'messa in scena li jinduci ghall-ingann li jwassal ghall-qliegh. Issa ghalkemm verament irrizulta li fuq il-kambjala l-akkuzat iffirma mod u jismu b'zieda ta' kunjom iehor, hu qatt ma naqas milli jhallas il-kambjali l-ohra – hlief ghal meta nqala' l-inkwiet bejnu u bejn Mallia. Terga' hu nsista mal-Marixxal fuq il-vera isem tieghu, bil-kunjom mizjud, meta nduna li kienu saru proceduri bil-Qorti li bihom qatt ma gie notifikat. Kien jispetta lill-attur fil-kawza li qed jipproponi li jassigura li kellu l-partikolaritajiet korretti tal-konvenut imfittex minnu. Illi frankament din il-Qorti ma tara ebda element ta' qerq biex jigu pruvati r-reati addebitati – ghalhekk qieghda tillibera lill-akkuzat mill-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------